MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 13/2011

**Nazzareno Dimech, John Schembri, Anthony Tonna, Peter Psaila, Mario Avallone, Manuel Jones, Renald Gafa, Antoinette Decesare u b'digriet tal-14 ta' Frar, 2013, l-atti gew trasfuzi f'isem Helen Gafa', Carmen Borg u Patrick Gafa' stante l-mewt ta' Renald Gafa' fil-mori tal-proceduri.**

**vs**

**1. L-Avukat Generali;**
**2. Direttur Generali ghall-Avjazzjoni Civili f'Malta fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2011, il-Qorti laqghet it-talba biex minflok "Direttur Generali ghall-Avjazzjoni Civili f'Malta" tidhol bhala intimata "l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta";**
**3. Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ghal kull interess li jista' jkollu;**

**4. Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment;**
**5. Accountant General**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrenti fis-17 ta' Marzu 2011, li jaqra hekk:

Ir-rikorrenti kienu impjegati fl-ajruport mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, u gew formalment impjegati ghall-ewwel darba matul is-sena 1979 bhala 'friskers'.

Matul din is-sena, il-Gvern kien dahhal fis-sehh ligi, li permezz taghha, kull min kien impjegat mal-Gvern qabel il-15 ta' Jannar 1979 seta' meta jasal ghall-eta' tal-irtirar, 'ibiegh' lura lill-Gvern parti mill-pensjoni tieghu hekk imsejha 'Tat-Tezor', u ghal dan jircievi l-korrispettiv ta' somma flus jew ahjar gratifikazzjoni.

L-esponenti kienu diga' jahdmu ghall-gvern fl-ajruport internazzjonali ta' Malta ferm qabel ma ghaddiet din il-ligi, u dan peress li kienu jikkostitwixxu parti mill-hekk imsejha korpi; li permezz taghhom pero', ma kinux formalment appuntanti mal-Gvern u rikonoxxuti bhala impjegati tieghu.

L-esponenti gew biss appuntanti mal-Gvern ftit wara li dahlet fis-sehh din il-ligi, biex b'hekk tilfu din l-opportunita' li jkollhom ghazla li jippercepixxu din is-somma. Pero' kien hemm persuni ohra, li bhall-esponenti, kienu jiffurmaw parti mill-korpi, li kienu jaghmlu xoghol identiku ghal dak tal-esponenti fl-ajruport, tant li kienu jahdmu flimkien maghhom, li pero' gew appuntati mal-Gvern fl-1978, ftit xhur qabel ma dahlet fis-sehh il-fuq imsemmija ligi. Dawn ibbenefikaw minn dan l-appuntament billi ppercepew din is-somma meta waslu ghall-irtirar taghhom.

B'dan l-agir, l-esponenti gew imcahhda b'intervent tal-legislatur milli jkollhom l-ghazla bhal shabhom li kienu jaghmlu xoghol identiku li jippercepixxu din is-somma.

Ghalhekk, l-agir tal-intimati jew min minnhom jilledi b'mod car u manifest id-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti minn Artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u/jew Protokol Numru 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem rispettivament;

Konsidrat dan kollu, apparti kull rimedju iehor li tista' taghti dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jixtiequ li bhala rimedju biex jigu rivendikati d-drittijiet fundamentali taghhom, huma ghandhom jinghataw id-dritt li jippercepixxu somma flus bhal ma ghamlu l-kollegi taghhom li kienu jaghmlu l-istess xoghol bhalhom u kienu ilhom jahdmu daqshom, jekk mhux inqas, u dan kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Talbu l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li l-agir tal-intimati jew min minnhom kif fuq imsemmi jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-esponenti kif protetti mill-Artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u minn Protokol Numru 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem rispettivament;

Tiddikjara li r-rikorrenti huma intitolati ghad-dritt li jbieghu lill-Gvern parti mill-pensjoni taghhom hekk imsejha 'Tat-Tezor' ossia dik il-pensjoni moghtija lill-persuni fis-servizz pubbliku ta' Malta, u ta' dan huma jircievu l-gratifikazzjoni skont artikolu 4 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta; u/jew

Taghti dawk ir-rimedji li jidhrulha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz li jigi dikjarat li l-mod kif giet introdotta d-dispozizzjoni tal-ligi in kwistjoni minghajr ma pprovdiet ghal dawk li kienu diga' qeghdin jahdmu ghall-gvern, pero' mhux formalment appuntati mieghu, kien wiehed null u bla effett sa fejn jirrigwarda l-fattispeci tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment u tal-Accountant General, li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament, l-Avukat Generali, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment m'humiex il-legittimi kontradittturi u dan a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

(i) Illi fl-ewwel lok, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux applikabbli ghall-kaz in dizamina stante li dan l-artikolu japplika biss meta l-proprjeta' tkun qieghda diga' ghandek u mhux meta jkun hemm talba bhal ma hi dik tar-rikorrenti ghall-allegat dritt ghall-pensjoni tat-Tezor. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma ttehdilhom xejn li kien fil-pussess taghhom;

(ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li bl-ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma jista' jinghad li l-fatti kif prospettati mir-rikorrenti jammontaw ghal xi tehid forzuz ta' proprjeta';

(iii) Illi inoltre u kif diga' inghad aktar 'il fuq, in vista tal-fatt li r-rikorrenti qed jibbazaw il-lanjanzi taghhom fuq allegazzjoni li huma intitolati ghall-pensjoni tat-Tezor u l-allegazzjoni li ghandhom jircievu l-gratifikazzjoni skont l-artikolu 4 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol m'hu applikabbli. Dan l-artikolu japplika biss ghall-beni jew possedimenti li persuna diga' ghandha u li diga' qieghda tgawdi li m'huwiex il-kaz fic-cirkostanzi odjerni;

(iv) Illi tajjeb li jigi rilevat ukoll li ma hemm ebda dritt, garantit bil-Konvenzjoni, ghall-pensjoni ut sic;

(v) Illi di piu', ghandu jinghad li r-rikorrenti ma gew bl-ebda mod imfixkla fit-tgawdija tal-possedimenti taghhom;

(vi) Illi fissazzjoni '*cut off point*', li f'dan il-kaz hija d-data sa meta kull min kien impjegat mal-Gvern kien intitolat ghall-pensjoni tat-Tezor jew li jircievi gratifikazzjoni skont l-artikolu 4 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta, hija necessarja u l-Gvern ghandu kull dritt li jibdel il-*policy* ekonomika tieghu. Dan ma jikser l-ebda dritt tal-bniedem u dan specjalment in vista tal-fatt li l-imsemmija "*cut off date*" giet applikata 'across the board';

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali ghall-Avjazzjoni Civili f'Malta, li in forza taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, l-esponenti jirrileva illi bid-dhul fis-sehh tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta) id-Direttorat ghall-Avjazzjoni Civili jaghmel parti mill-imsemmija Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. L-Artiklu 12(1) tal-Kap. 499 jistipula illi l-imsemmija Awtorita' hija "enti morali b'personalita' guridika distinta". Ghalhekk, ghal kull buon fini jinghad illi l-legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri hija semmai l-Awtorita' nnifisha u mhux id-Direttur ghall-Avjazzjoni Civili.

Preliminarjament ukoll, jidher car mir-rikors guramentat illi l-ilment tar-rikorrenti huwa dwar id-dhul fis-sehh ta' ligi partikolari rigward pensjonijiet illi (i) certament ma nhargitx mill-esponenti u (ii) lanqas hija attwata u/jew applikata mill-esponenti, illi inoltre, ir-rikorrenti lanqas biss ghadhom impjegati mal-esponenti jew mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghaldaqstant ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju; Sussidjarjament jinghad illi, jekk ghall-grazzja tal-argument jinstab illi l-prezenza tal-esponenti fil-kawza kienet b'xi mod

necessarja ghall-integrita’ tal-gudizzju, l-esponenti xorta ma ghandux jehel spejjez ta’ dawn il-proceduri.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

(i) Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw il-fatti allegati fir-rigward ta’ kull wiehed u wahda minnhom u ghandhom juru li lkoll ghandhom l-interess guridiku rikjest mil-ligi illi jintavolaw din il-kawza;

(ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta m’huwiex applikabbli ghall-kaz in dizamina stante li dan l-artikolu japplika biss meta l-proprjeta’ tkun qieghda diga’ ghand ir-rikorrenti u mhux meta jkun hemm talba bhal ma hi dik tar-rikorrenti ghall-allegat dritt ghall-pensjoni tat-Tezor. F’dan il-kaz, ir-rikorrenti ma ttehdilhom xejn li kien gja’ fil-pussess taghhom. Lanqas jista’ jinghad illi kien hemm almenu xi forma ta’ *legitimate expectation* ghall-futur ghaliex, *ex admissis*, meta dahlu fis-servizz Civili, il-ligi li qed jilmentaw minnha kienet diga’ fis-sehh;

(iii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li bl-ebda tigbid ta’ immaginazzjoni ma jista’ jinghad li l-fatti kif prospettati mir-rikorrenti jammontaw ghal xi tehid forzuz ta’ proprjeta’;

(iv) Illi inoltre u kif diga’ inghad aktar ‘il fuq, in vista tal-fatt li r-rikorrenti qed jibbazaw il-lanjanzi taghhom fuq allegazzjoni li huma intitolati ghall-pensjoni tat-Tezor u l-allegazzjoni li ghandhom jircievu l-gratifikazzjoni skont l-artikolu 4 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 93 tal-Ligijiet ta’ Malta lanqas l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol m’hu applikabbli. Dan l-artikolu japplika biss ghall-beni jew possedimenti li persuna diga’ ghandha u li diga’ qieghda tgawdi li m’huwiex il-kaz fic-cirkostanzi odjerni;

(v) Illi tajjeb li jigi rilevat ukoll li ma hemm ebda dritt, garantit bil-Konvenzjoni, ghall-pensjoni *ut sic*;

(vi) Illi di piu', ghandu jinghad li r-rikorrenti ma gew bl-ebda mod imfixkla fit-tgawdija tal-possedimenti taghhom;

(vii) Illi l-fissazzjoni ta' '*cut off point*', li f'dan il-kaz hija d-data sa meta kull min kien impjegat mal-Gvern kien intitolat ghall-pensjoni tat-Tezor jew li jircievi gratifikazzjoni skont l-artikolu 4 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta, hija necessarja u l-Gvern ghandu kull dritt li jibdel il-*policy* ekonomika tieghu. Dan ma jikser l-ebda dritt fundamentali tal-bniedem u dan specjalment in vista tal-fatt li l-imsemmija '*cut off date*' giet applikata 'across the board'.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri. B'mod partikolari jigi rilevat illi l-esponenti m'ghandux access ghall-*files* relattivi ghar-rikorrenti ghaliex dawn jinstabu f'idejn terzi u ghalhekk jirrizerva umilment illi (i) jitlob l-esebizzjoni taghhom u (ii) illi jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz fid-dawl tal-informazzjoni li tista' tkun kontenuta fihom.

Rat li fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2011, mizmuma minn din il-Qorti, giet migbuda l-attenzjoni tal-partijiet ghall-artikolu 47(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijet ta' Malta, li jistghu jaffettwaw l-azzjoni tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta ulterjuri li ressqu l-intimati kollha, li in forza taghha eccepew illi:

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra mressqa minnhom fir-risposti rispettivi taghhom, l-intimati qeghdin iressqu s-segwenti eccezzjonijiet ulterjuri minghajr pregudizzju ghal xulxin:

Illi in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-allegat ksur tal-Protokol Numru 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli *rationae temporis* fit-termini tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319

tal-Ligijiet ta’ Malta) li jipprovdi li l-ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta’ April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta’ azzjoni taht l-artikolu 4 ta’ dak l-att;

Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, dato ma non concesso li hemm xi ksur f’dan is-sens, ma jista’ jinghata l-ebda dritt ghall-kumpens u dan skont id-dispost tal-artikolu 47(8) u (9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta in kwantu l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93 tal-Ligijiet ta’ Malta) dahlet fis-sehh fl-1 ta’ April 1937.

Ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza, ir-rikorrenti kienu membri tal-korp tal-Pijunieri li l-gvern tas-sebghinijiet kien holoq biex itaffi l-problema ta’ nies bla impjieg. Ir-rikorrenti kienu gew utilizzati biex jahdmu fl-ajruport internazzjonali ta’ Malta, u maghhom kien hemm ukoll nisa li ghamlu l-istess xoghol. Dawn kienu jinsistu mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili biex jigu impjegati formalment, u b’hekk isiru impjegati tal-Gvern b’paga ahjar u jsiru wkoll eligibbli ghall-pensjoni tas-servizz. Eventwalment, gew appuntati mal-Gvern fit-23 ta’ Lulju 1979. Fl-2011, il-gvern dahhal fis-sehh ligi li permezz taghha kull min kien impjegat mal-gvern qabel il-15 ta’ Jannar 1979, seta’ ‘jbiegh’ lura parti mill-pensjoni tas-servizz u jiehu bhala korrispettiv somma ta’ flus. Peress illi huma gew ingaggjati mal-gvern wara dik id-data, ma setghux juzufruwixxu ruhhom minn dik l-opportunita’.

Ir-rikorrenti jghidu illi, pero’, kien hemm nisa fis-sitwazzjoni bhal taghhom li gew ingaggjati mal-gvern

f'Awwissu/Settembru tal-1978, u dawn allura setghu 'ibieghu' parti mill-pensjoni tas-servizz. Dan l-agir tal-gvern qed jigi allegat li jivvjola d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-1 Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi ghall-protezzjoni ta' proprjeta' ("possedimenti"), waqt li l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jipprovdi protezzjoni kontra diskriminazzjoni.

Ghar-rigward l-ilment bazat fuq il-Konvenzjoni Ewropea, peress li dak li sehh, cioe', l-ghoti ta' impjieg mal-gvern, sehh fl-1979, tajjeb li jinghad li skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol li sar qabel it-30 ta' April 1987, ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht dak l-att. Ir-rikorrenti jargumentaw li t-tehid tal-proprjeta' sehh bid-dhul fis-sehh fl-2011 tal-ligi relattiva, pero', biex issehh tehid ta' proprjeta', dak li jkun irid, fl-ewwel lok, jipposjedi dik il-proprjeta' jew ikollu 'legitimate claim' ghall-istess. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Bugeja Viani v Avukat Generali", deciza fl-20 ta' Frar 2009, b'referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja, u in relazzjoni ma' dan l-artikolu,

"*The Court reiterates that under its case-law the Article relied upon does no more than enshrine the right of everyone to the peaceful enjoyment of "his" possessions. Consequently, it applies only to a person's existing possessions and does not guarantee the right to acquire possessions whether on intestacy or through voluntary dispositions (see, mutatis mutandis, the Marckx v. Belgium, judgement of 13 June 1979, Series A no. 31, p. 23, § 50; and the Van der Mussele v. Belgium, judgement of 23 November 1983, Series A no. 70, p. 23, § 48).*

*Furthermore, while a legitimate expectation of acquiring property may in certain instances be equated to a "possession" within the meaning of paragraph 1 of Article 1, such an expectation is always dependent on the commitment of a third party; that is the case, for example,*

*with the granting of a commercial operating licence by the authorities (see the Pine Valley Developments Ltd and Others v. Ireland, judgement of 29 November 1991, Series A no. 222, p. 23, § 51; and the Tre Traktörer AB v. Sweden, judgement of 7 July 1989, Series A no. 159, p. 22, § 55).*"

F'dan il-kaz, ir-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom pensjoni tas-servizz, izda ma kellhomx la s-somma kommutata u lanqas id-dritt li 'jbieghu' parti mill-pensjoni. Il-gvern, allura, ma hadilhom xejn. Hadd mir-rikorrenti ma jista' jivvanta xi jedd jew "commitment" mill-awtorita' kompetenti li l-pensjoni tieghu tigi kommutata f'somma flus. La darba r-rikorrenti ma kellhom ebda proprjeta', fis-sens wiesgha tal-kelma, li ttehdilhom, l-ilment taghhom bazat fuq l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux gustifikat.

Kwantu ghall-ilment bazat fuq diskriminazzjoni, artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti tirrileva li, in kwantu qed jigi attakkat dak li sehh fl-1978 u 1979, hemm ta' ostakolu mhux biss l-artikolu 47(8) u (9) tal-Kostituzzjoni li ma jippermettix indagini li jmur lura ghal dik l-epoka ghal dak li sehh in forza ta' ligi allura in vigore, u l-artikolu 45(5)(a) tal-istess Kostituzzjoni li jezenta minn stharrig fuq diskriminazzjoni il-kwalifiki ghal servizz f'xi korp dixxiplinat. F'dik l-epoka, id-dipartiment tal-Avjazzjoni Civili kien parti mill-korp tal-ajru tal-Gvern ta' Malta, u ghalhekk, kull allegat diskriminazzjoni li sehhet fl-ingagg ta' persuni f'dak id-dipartiment ma jistax jitqies agir bi ksur tal-imsemmi artikolu 45.

F'kull kaz, fil-kuntest ta' diskriminazzjoni, hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu tal-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni "*timporta zewg elementi, u cioe', li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie trattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem*

*iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari*" – "Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990.

Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq diskriminazzjoni kienu gew ampjament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza fis-16 ta' Awwissu, 1976, fejn dik l-Onorabbli Qorti esprimiet ruhha fit-termini segwenti:

"*Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, president tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: "it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch...". Qabel xejn, pero', ghandu jigi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni tal-imsemmi artikolu 46 (illum 45). Din il-projbizzjoni, fiha nnifisha ovvja u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem 'sans distinition aucune' u fit-test Ingliz 'without discrimination', u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: "In spite of the very general wording of the French version ... Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised ... This version must be read in the light of the more restricted text of the English version ... In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the many legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment*

*of the rights and freedom recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which, on account of differences inherent therein, call for different legal solutions; moreover certain legal inequalities tend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted ...". Dan hu konformi mal-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett tal-ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kundizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata ... Differenzjazzjoni, pero', biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragjonevoli, tenut kont tal-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat*".

Dan l-insenjament jidher li gie segwit – b'varjazzjonijiet zghar li aktar jirriflettu l-fatti specie tal-kaz li jkun milli xi spostament ta' principju – f'diversi kawzi fosthom "Il-Pulizija vs Muscat", deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju 1989, "Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et", deciza wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Mejju 1984, "Cacopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar 1987, "Debono Grech vs Mizzi et noe", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 1999, u "Agrimalt Ltd vs Awtorita' tal-Ippjanar", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar 2004.

Fuq dan l-istess aspett, l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Sultana vs Seg. Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru", deciza fil-31 ta' Mejju 1999, osservat:

"*Li llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta 1] kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali, 2] jigu trattati b'mod differenti inkluz permezz ta' imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantagg, 3] meta ma jkunx hemm bazi objettiva u*

*ragjonevoli ghal tali trattament differenti, tali bazi objettiva u ragjonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post tal-origini, l-opinjonijiet politici, eccetrera tal-persuni jew 4] jekk ma jkunx hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat [ara il-Pulizija vs Dr. Joseph Muscat, Prim'Awla Sede Kostituzzjonali – 28 ta' Lulju 1989, Avukat Tonio Borg noe vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kultura et – Prim'Awla Sede Kostituzzjonali – 2 ta' Mejju 1984, Carmel Coccopardo vs Ministeru tax-Xogholijiet et – Qorti Kostituzzjonali 20 ta' Frar 1987, u bosta ohrajn. Ir-rikorrent mhux rikjest li jipprova r-raguni li mmotivat dik id-diskriminazzjoni imma huwa obbligat li jipprova l-fatt tad-diskriminazzjoni. Jekk imbaghad tali fatt jirrizulta jkun jispetta lill-Gvern li juri li dak l-agir kien fic-cirkostanzi gustifikat.*"

Ghalhekk, ikun hemm diskriminazzjoni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti.

Issa, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-Awtorita' intimata agixxiet b'xi mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent.

Kif gie spjegat f'din il-kawza, kien hemm raguni ghala n-nisa gew ingaggjati qabel l-irgiel. Il-haddiema nisa kienu sejrin jigu ingaggjati bhala 'hospital auxiliaries' mad-Dipartiment tas-Sahha, bir-rizultat li fl-ajruport internazzjonali ma kienx se jkun hemm security friskers nisa, u din kienet tkun problema f'kaz ta' bzonn ta' tfittxija fuq passiggieri nisa. Fil-fatt, id-Direttur tal-Avjazzjoni Civili, b'ittra datata 23 ta' Jannar 1978, kien qal li jekk tonqos it-tfittxija fuq il-passiggieri (u dan fi zmien qabel ma nholqu l-X-ray machines li, sa certu punt, jindikaw affarijiet fuq il-persuna minghajr htiega ta' tfittxija fizika), kien se jkun hemm problemi mal-airlines li joperaw minn Malta, bil-periklu li uhud jiddeciedu li ma jibqghux joperaw minn u lejn Malta. Dan kien periklu serju u reali f'dak iz-zmien meta l-kazijiet ta' dirottamenti ta' ajruplani ma kienx daqshekk rari u meta kien qed isir enfazi fuq il-htiega ta'

security control. Id-Direttur insista li jew jibqghu dawk il-persuni, li qal li wettqu dmirijiethom “diligently and efficiently” jew jigu ingaggjati ohrajn. Kien, ghalhekk, gustifikat il-gvern ta’ dak iz-zmien li jingaggja security friskers nisa mill-aktar fis possibbli. Dwar security friskers irgiel ma kienx hemm dik l-ghagla ghax li kienu qed jahdmu fl-ajruport kienu se jibqghu hemm. Il-gvern kien qieghed jaghmel ezercizzju intensiv dwar il-membri tal-korpi, u eventwalment ittiehdet decizjoni li dawn jigu mhajra japplikaw biex jimlew postijiet vakanti mal-gvern; ir-rikorrenti gew eventwalment ingaggjati mal-gvern f’Lulju tal-1979.

Dwar id-decizjoni ricenti tal-Gvern li jaghti l-possibilita’ li jikkommutaw il-pensjoni lill-impjegati tieghu li kienu impjegati qabel il-15 ta’ Jannar 1979, din hija decizjoni fiskali li fiha din il-Qorti ma ghandhiex tindahal. Hu ovvju li l-provvedimenti ta’ natura fiskali jkollhom “a cut-off point”, u hija fid-diskrezzjoni tal-gvern li jaghzel data u mhux ohra. Sakemm ma jigix muri li d-data tkun giet maghzula biex jigu pprivileggjati jew ikkastigati certu grupp ta’ persuni partikolari – u dan ghar-ragunijiet mhux gustifikabbli f’pajjiz demokratiku – mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tindahal fl-ezercizzju tal-gvern tal-uzu tad-diskrezzjoni f’materja fiskali. Fil-kaz ta’ “<u>Fitz v L-Avukat Generali et</u>”, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta’ Marzu 2011, li kienet tirrigwarda hlasijiet ta’ “capital gains tax” fuq certi akkwisti minn wara certa data gie approvat dak li kien intqal f’gudizzju iehor fis-sens li gej:

“*Ir-rikorrenti sostnew li l-element diskriminatorju huwa lampanti fil-fatt illi filwaqt illi meta l-legislatur impona t-taxxa ta’ 35% l-istess taxxa ghamilha back dated sal-1992, meta nizzel l-istess rata ta’ taxxa ghal 12%, u allura kienet aktar favorevoli ghat-tax payer, ma mexiex bl-istess mod u ma ghamilhiex tapplika back dated. Ziedu li bil-mod kif gew introdotti t-tibdiliet fir-rata tat-taxxa tal-Capital Gains gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom fosthom id-drittijiet fundamentali ta’ tgawdija ta’ proprjeta’. Izda din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan ir-ragunar ghax l-ewwelnett il-Gvern tal-gurnata ghandu d-dritt li jirregola kull tip ta’ taxxa, boll ecc. Ghandu d-dritt li jgholli u jbaxxi r-rati ta’*

*taxxi skont dak li fil-fehma tieghu huwa fl-interess tal-pajjiz. Din hi haga li grat ripetutament kemm f'Malta kif ukoll f'diversi pajjizi ohra fosthom dawk membri tal-EU. Gvern certament ma ghandux dritt li jadopera mizuri fiskali li jolqtu persuna wahda jew ftit nies izda min-naha l-ohra sakemm il-mizuri fiskali jkunu intizi b'mod generali l-Qrati ma ghandhom ebda poter ta' sindakabilita'. Hadd ma jiehu gost ihallas it-taxxi u certament hemm taxxi li jolqtu aktar sezzjoni tal-poplu minn ohra izda dan xorta wahda jaqa' fil-mansjonijiet tal-Gvern.*"

Hekk ukoll fil-kawza "Bianchi v L-Avukat Generali et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Gunju 2011, intqal hekk dwar dan il-punt:

"*Fi kwalunkwe kaz, l-appellanti naqsu milli juru li persuni fl-istess pozizzjoni li kienu huma jew li kienu f'sitwazzjoni analoga ghal taghhom meta ghamlu t-trasferiment tal-proprjeta' taghhom gew trattati b'mod divers jew ahjar minnhom. Il-fatt li persuni ohra li t-trasferimenti taghhom saru fi zmien qabel jew wara tal-appellanti setghu gew avvantaggjati mir-regime fiskali differenti applikabbli ghal dawk it-trasferimenti ma hux bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellanti li ghalihom kien japplika regime fiskali differenti fi zmien differenti ghaliex f'dawk ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-appellanti kienu f'sitwazzjoni analoga ghal dik tal-persuni l-ohra.*

*Inoltre, l-istat necessarjament ghandu latitudni pjuttost wiesa' dwar in-natura tal-imposti jew taxxi li jista' jidhirlu necessarju li jimponi minn zmien ghal zmien skont l-apprezzament li jaghmlu l-awtoritajiet kompetenti tal-esigenzi politici ekonomici u socjali tal-pajjiz.*"

Dan kollu jghodd mutatis mutandis ghall-meritu ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi illi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------